MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Numru 1320/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**ALBERT CARUANA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Albert Caruana, ta' 37 sena mwieled Pieta' nhar 25 ta' April 1968, bin Joseph u Lorenza nee' Farrugia residenti 59, "Bertiella", Triq Anglu Gatt, Zejtun, detentur ta' karta tal-identita 192668M gie akkuzat:

Talli nhar il-5 ta’ Novembru, 2006 bejn l-10 am u l-10:35 am minn gewwa l-Ward Gynea ta’ l-Isptar San Luqa, G’Mangia Pieta, ikkommetta serq ta’ telefon cellulari ta’ l-ghamla Nokia 6101, ghad-detriment ta’ Catherine Decesare mis-Swieqi, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur u dan ai terminu tal-artikoli 261 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli f’diversi postijiet fil-gzejjer Maltin, bejn l-4 ta’ Novembru 2006 u s-7 ta’ Novembru 2006 xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe’ l-oggett imsemmi fl-ewwel akkuzi a detriment tal-istess persuna imsemmija kif ukoll accessorji ohra a detriment ta’ Guseppi Attard u dan ai termini tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali li jinsab a fol. 7 tal-Process (Dok. MT3) u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li rritorna r-rifurtiva.

Innutat ukoll li l-Prosekuzzjoni u d-Difiza talbu li l-Qorti tikkunsidra, u dan fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, li fis-Sentenza taghha tirrakkomanda lill-Awtoritajiet kompetenti li jikkunsidraw li l-imputat ma jitlifx l-impjieg tieghu.

Rat l-artikoli 261(c) u (d), 267, 268, 279(a), 280(1) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Albert Caruana, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-Proceduri, il-fedina penali netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li rritorna r-rifurtiva tillibera lill-istess imputat Albert Caruana taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Rigward ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Albert Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tirrakkomanda lill-Awtoritajiet kompetenti li jikkunsidraw li l-imputat ma jitlifx l-impjieg tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------